Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 700/2012

tat-30 ta' Lulju 2012

dwar it-tnaqqis ta' kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2012 minħabba sajd żejjed fis-snin ta' qabel

(ĠU L 203, 31.7.2012, p. 52)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1022/2012 tas-6 ta' Novembru 2012	L 307	70	7.11.2012

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 700/2012

tat-30 ta' Lulju 2012

dwar it-tnaqqis ta' kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2012 minħabba sajd żejjed fis-snin ta' qabel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 105(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għall-2011 kienu stabbiliti mir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1124/2010 tad-29 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2011 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku ([2]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1225/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010 li jiffissa għall-2011 u l-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-UE għal stokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-baħar fond ([3]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1256/2010 tas-17 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed għall-2011 ([4]) u,

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE ([5]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għall-2012 kienu stabbiliti mir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament (UE) Nru 1225/2010,

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 716/2011 tad-19 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay għall-istaġun tas-sajd 2011/2012 ([6]),

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 318, 4.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 343, 29.12.2010, p. 2.
([5]) ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.
([6]) ĠU L 193, 23.7.2011, p. 11.

▼B

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1256/2011 tat-30 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2012 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1124/2010 ([1]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 5/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed ([2]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa, għall-2012, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([3]) u,

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 44/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([4]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd tal-futur ta' dak l-Istat Membru.

(4) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li tali tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għandu jsir fis-sena jew fis-snin ta' wara billi jiġu applikati ċerti fatturi ta' multiplikazzjoni mogħtija f'dawk il-paragrafi.

(5) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd allokati lilhom għall-2011. Huwa għalhekk xieraq li jitwettaq tnaqqis tal-kwoti tas-sajd allokati lilhom fl-2012 u, fejn xieraq, fis-snin ta' wara, għall-istokkijiet fejn sar sajd żejjed.

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1016/2011 tat-23 ta' Settembru 2011 dwar it-tnaqqis ta' kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2011 minħabba sajd żejjed ta' dawk l-istokkijiet fis-sena ta' qabel ([5]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1021/2011 tal-14 ta' Ottubru 2011 dwar it-tnaqqis ta' kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2011 minħabba sajd żejjed ta' stokkijiet oħrajn fis-sena ta' qabel ([6]) wettqu tnaqqis tal-kwoti tas-sajd għal ċerti pajjiżi u speċijiet għall-2011. Madanakollu, għal ċerti Stati Membri t-tnaqqis li kellu jsir kien ikbar mill-kwoti rispettivi tagħhom għall-2011 u għalhekk ma setax jitwettaq bis-sħiħ matul dik is-sena. Sabiex jiġi żgurat li f'tali każijiet jitnaqqas l-ammont kollu, għandhom jitqiesu l-kwantitajiet li jkun għad fadal meta jiġi stabbilit it-tnaqqis mill-kwoti tal-2012 u, fejn xieraq, minn kwoti sussegwenti.

([1]) ĠU L 320, 3.12.2011, p. 3.
([2]) ĠU L 3, 6.1.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 25, 27.1.2012, p. 1.
([4]) ĠU L 25, 27.1.2012, p. 55.
([5]) ĠU L 270, 15.10.2011, p. 1.
([6]) ĠU L 270, 15.10.2011, p. 16.

▼B

(7) It-tnaqqis li hemm f'dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis applikabbli għall-kwoti tal-2012 skont:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 147/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jadatta ċerti kwoti tas-sajd mill-2007 sal-2012 skont l-Artikolu 23(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]), u

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2011 tat-22 ta' Frar 2011 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tal-kavalli allokati lil Spanja għall-2011 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed fl-2010 ([2]).

(8) Fejn it-tnaqqis ma jistax isir minħabba li l-kwota mhijiex disponibbli jew mhijiex suffiċjentement disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwoti tas-sajd stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 1225/2010, (UE) Nru 716/2011, (UE) Nru 1256/2011, (UE) Nru 5/2012, (UE) Nru 43/2012 u (UE) Nru 44/2012 għas-sena 2012 qed jitnaqqsu kif muri fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis ipprovdut fir-Regolamenti (KE) Nru 147/2007 u (UE) Nru 165/2011.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 46, 16.2.2007, p. 10.
([2]) ĠU L 48, 23.2.2011, p. 11.

▼B

ANNESS

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem taż-żona	Ħatt l-art permess 2011 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1)	Qabdiet Totali 2011 (kwantità f'tunnellati)	Konsum tal-kwota (%)	Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati)	Fatturi ta' multiplikazzjoni (2)	Fatturi ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4)	Tnaqqis li jifdal mill-2011 (5) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis-2012 (6) (kwantità f'tunnellati)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
DK	DGS	03A-C	Mazzola griża	L-ilmijiet tal-UE taż-żona IIIa	0,00	1,00	—	1,00	1		12	13,00
DK	SAN	*234_6	Ċiċċirell	Iż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE	420,00	489,60	116,6 %	69,60	1			69,60
DE	DGS	2AC4-C	Mazzola griża	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	0,00	0,70	—	0,70	1			0,70
DE	MAC	2CX14-	Kavalli	Iż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; L-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV	21 401,00	21 860,70	102,1 %	459,70	1			459,70
DE	PLE	3BCD-C	Barbun tat-tbajja'	L-ilmijiet tal-UE tas-Subdiviżjonijiet 22-32	425,00	426,40	100,3 %	1,40	1			1,40
IE	HER	4AB.	Aringi	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N	0,00	40,00	—	40,00	1			40,00
IE	NOP	2A3A4.	Norway pout u qabdiet inċidentali assoċjati	Iż-żona IIIa; L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV	0,00	5,00	—	5,00	1			5,00

▼B

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
ES	ALF	3X14-	Alfonsinos	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV	66,00	69,00	104,5 %	3,00	1			3,00
ES	ANE	9/3411	Inċova	Iż-żoni IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1	5 560,00	6 361,90	114,4 %	801,90	1,2			962,28
ES	ANF	8C3411	Petriċi	Iż-żoni VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-KE ta' CECAF 34.1.1	1 293,00	1 453,90	112,4 %	160,90	1,2			193,08
ES	BLI	67- (kodiċi ġdid BLI/5B67-)	Linarda	L-ilmijiet internazzjonali u tal-UE taż-żoni Vb, VI, VII	0,00	0,00	—	0,00	—		41	41,00
ES	BSF	8910-	Ċinturin iswed	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII, IX u X	17,00	17,60	103,5 %	0,60	1			0,60
ES	BSF	56712-	Ċinturin iswed	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII	135,00	216,90	160,7 %	81,90	1			81,90
ES	COD	7XAD34	Merluzz	Iż-żoni VIIb, VIIc, VIIe-k, VIII, IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1	0,00	0,90	—	0,90	1			0,90
ES	DGS	15X14	Mazzola griża	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV	1,00	6,20	620,0 %	5,20	1			5,20
ES	DWS	56789-	Klieb il-baħar tal-baħar fond	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI, VII, VIII	2,79	25,90	928,3 %	23,11	1			23,11
ES	GFB	89-	Lipp tal-qawwi	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII u IX	222,00	250,20	112,7 %	28,20	1			28,20
ES	GFB	567-	Lipp tal-qawwi	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII	608,00	638,50	105,0 %	30,50	1			30,50
ES	HAD	5BC6A.	Haddock	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VIa	14,00	35,80	255,7 %	21,80	1			21,80
ES	HAD	1N2AB	Haddock	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	60,00	65,30	108,8 %	5,30	1			5,30

▼B

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
ES	JAX	2A-14	Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; VI, VIIa-c,VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; L-ilmijiet internazzjonali taż-żona XII u XIV	2 419,00	2 519,90	104,2 %	100,90	1			100,90
ES	JAX	09.	Sawrell	Iż-żona IX	7 859,00	8 478,30	107,9 %	619,30	1,1			681,23
ES	JAX	08C.	Sawrell	Iż-żona VIIIc	24 129,00	32 431,80	134,4 %	8 302,80	1,4			11 623,92
ES	LEZ	8C3411	Megrims	Iż-żoni VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1	917,00	1 005,30	109,6 %	88,30	1			88,30
ES	ORY	1CX14	Orange roughy	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XII u XIV	0,00	0,60	—	0,60	1			0,60
ES	POK	56-14	Pollakkju (saithe)	Iż-żona VI, L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, XII u XIV	3,00	30,60	1 020,0 %	27,60	1			27,60
ES	POL	8ABDE.	Pollakkju	Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe	61,00	65,30	107,0 %	4,30	1			4,30
ES	POL	08C.	Pollakkju	Iż-żona VIIIc	208,00	256,00	123,1 %	48,00	1			48,00
ES	PRA	N3L.	Gambli tat-Tramuntana	Iż-żona 3L tan-NAFO	214,00	292,00	136,4 %	78,00	1			78,00
ES	RED	N3LN.	Redfish	Iż-żona 3LN tan-NAFO	0,00	43,50	—	43,50	1			43,50
ES	SBR	*678-	Paġell	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII	49,12	62,30	126,8 %	13,18	1			13,18
ES	SOL	8AB.	Lingwata komuni	Iż-żoni VIIIa u VIIIb	10,00	10,70	107,0 %	0,70	1	c ([7])		1,05
ES	USK	567EI.	Tusk	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII	8,30	50,70	610,8 %	42,40	1			42,40

▼B

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
ES	WHB	8C3411	Stokkafixx	Iż-żoni VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-KE ta' CECAF 34.1.1	1 987,00	2 258,30	113,7 %	271,30	1,2			325,56
FR	DWS	56789-	Klieb il-baħar tal-baħar fond	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI, VII, VIII u IX	10,17	26,00	255,7 %	15,83	1			15,83
FR	SOL	07E.	Lingwata komuni	Iż-żona VIIe	283,00	290,00	102,5 %	7,00	1	c ([8])		10,50
LT	JAX	2A-14	Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati	L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; VI, VIIa-c,VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; L-ilmijiet internazzjonali taż-żona XII u XIV	356,00	660,40	185,5 %	304,40	2			608,80
LT	MAC	2CX14-	Kavalli	Iż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; L-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV	26,00	28,80	110,8 %	2,80	1			2,80
NL	BSF	56712-	Ċinturin iswed	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII	0,00	0,00	—	0,00	—		5	5,00
NL	SBR	678-	Paġell	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII	0,00	0,00	—	0,00	—		6	6,00
PL	COD	1N2AB	Merluzz	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	0,00	0,00	—	0,00	—		2	2,00
PL	GHL	1N2AB	Ħalibatt tal-Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	0,00	0,00	—	0,00	—		1	1,00
PL	HAD	2AC4	Haddock	Iż-żona IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa	0,00	0,00	—	0,00	—		16	16,00
▼M1 ———												
▼B PL	LIN	04-C.	Lipp	L-ilmijiet tal-UE taż-żona IV	0,00	3,00	—	3,00	1			3,00

▼B

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
PL	MAC	2A34	Kavalli	Iż-żoni IIIa u IV; L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIb, IIIc u s-Subdiviżjonijiet 22-32	0,00	0,00	—	0,00	—		5	5,00
PL	RED	514GRN	Redfish	L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV	0,00	0,00	—	0,00	—		1	1,00
▼M1 ———												
▼B PL	WHB	1X14	Stokkafixx	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV	0,00	0,00	—	0,00	—		8	8,00
PT	ALF	3X14-	Alfonsinos	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV	220,10	241,10	109,5 %	21,00	1			21,00
PT	ANE	9/3411	Inċova	Iż-żoni IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1	2 882,00	2 920,20	101,3 %	38,20	1			38,20
PT	ANF	8C3411	Petriċi	Iż-żoni VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1	260,20	335,30	128,9 %	75,10	1	a		112,65
PT	BET	ATLANT	Tonn ta' Għajnu Kbira	L-Oċean Atlantiku	6 879,70	7 022,40	102,1 %	142,70	1			142,70
PT	BSF	8910-	Ċinturin iswed	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII, IX u X	3 305,00	3 547,20	107,3 %	242,20	1,1			266,42
PT	BUM	ATLANT	Marlin Blu	L-Oċean Atlantiku	69,00	72,30	104,8 %	3,30	1			3,30
PT	DKO	N3M.	Merluzz	Iż-żona 3M tan-NAFO	2 525,70	2 753,80	109,0 %	228,10	1,1			250,91
PT	GFB	89-	Lipp tal-qawwi	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII u IX	10,00	12,00	120,0 %	2,00	1	a		3,00

▼B

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
PT	GHL	1N2AB	Ħalibatt tal-Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	0,00	0,00	—	0,00	—		11	11,00
PT	GHL	N3LMNO.	Ħalibatt tal-Greenland	Iż-żona 3LMNO tan-NAFO	2 413,80	2 508,20	103,9 %	94,40	1			94,40
PT	HAD	1N2AB	Haddock	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	78,00	30,00	38,5 %	–48,00	—		458	410,00
PT	POK	1N2AB	Pollakkju (saithe)	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	80,00	40,90	51,1 %	–39,10	—		294	254,90
PT	RED	51214D	Redfish	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona V; L-ilmijiet internazzjonali taż-żonI XII u XIV	603,00	719,10	119,3 %	116,10	1,2	a		208,98
PT	RED	N3LN.	Redfish	Iż-żona 3LN tan-NAFO	932,80	983,50	105,4 %	50,70	1			50,70
PT	WHB	8C3411	Stokkafixx	Iż-żoni VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-KE ta' CECAF 34.1.1	483,00	711,90	147,4 %	228,90	1,8			412,02
PT	WHG	08.	Merlangu	Iż-żona VIII	0,00	1,20	—	1,20	1			1,20
UK	COD	N01514	Merluzz	L-ilmijiet tal-Groenlandja tan-NAFO 0 u 1; L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV	717,00	724,60	101,1 %	7,60	1			7,60
UK	BET	ATLANT	Tonn ta' Għajnu Kbira	L-Oċean Atlantiku	10,00	0,00	0,0 %	–10,00	—		10	0,00
UK	BLI	24-	Linarda	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi taż-żoni II, IV u V	1,50	1,50	100,0 %	0,00	—		2	2,00
UK	HAD	1N2AB	Haddock	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II	781,00	781,60	100,1 %	0,60	1			0,60

▼B

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
UK	HER	4AB.	Aringi	L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N	27 687,00	27 887,40	100,7 %	200,40	1			200,40
UK	MAC	2CX14-	Kavalli	Iż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; L-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV	173 520,50	179 960,30	103,7 %	6 439,80	1			6 439,80

([1]) Kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar opportunitajiet ta' sajd wara li tqiesu l-iskambji ta' opportunitajiet ta' sajd skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59) trasferimenti ta' kwoti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u/jew riallokazzjoni u tnaqqis ta' opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

([2]) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

([3]) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

([4]) L-ittra "a" tindika li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1.5 minħabba s-sajd żejjed konsekuttiv fis-snin 2009, 2010 u 2011. F'dan ir-rigward, ara: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1004/2010 tat-8 ta' Novembru 2010 dwar it-tnaqqis ta' ċerti kwoti tas-sajd għall-2010 minħabba sajd żejjed tal-ħut fis-sena ta' qabel, kif emendat (ĠU L 291, 9.11.2010, p. 31), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1016/2011 tat-23 ta' Settembru 2011 dwar it-tnaqqis ta' kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2011 minħabba sajd żejjed ta' dawk l-istokkijiet fis-sena ta' qabel u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1021/2011 dwar it-tnaqqis ta' kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2011 minħabba sajd żejjed ta' stokkijiet oħrajn fis-sena ta' qabel. L-ittra "c" tindika li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1.5 minħabba li l-istokk huwa suġġett għal pjan multiannwali.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1016/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (EU) Nru 1021/2011 wettqu tnaqqis tal-kwoti tas-sajd għal ċerti pajjiżi u speċijiet għall-2011. Madanakollu, għal ċerti Stati Membri t-tnaqqis li kellu jsir kien ikbar mill-kwoti rispettivi tagħhom għall-2011 u għalhekk ma setax jitwettaq bis-sħiħ matul dik is-sena. Sabiex jiġi żgurat li f'tali każijiet jitnaqqas l-ammont kollu, għandhom jitqiesu l-kwantitajiet li jkun għad fada meta jiġi stabbilit it-tnaqqis mill-kwoti tal-2012 u, fejn xieraq, minn kwoti sussegwenti.

([6]) Ammonti li jridu jitnaqqsu mill-kwoti adattati għall-2012 jew, fejn xieraq, skont il-kwoti tas-sena sussegwenti.

([7]) Kif iddefinit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1).

([8]) Kif iddefinit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent, (ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7).